**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 766/15 DMA**

**Blue Media Marketing Ltd**
**C 39186**

**Vs**

**MK Leisure Limited**
**C 36713**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Settembru, 2015 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi hlas fl-ammont ta’ tlett elef mija u tlieta u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€3,123.36) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ riklamar u servizzi ordnati mis-socjeta’ konvenuta liema riklamar u servizzi relatati gew debitament imwettqa mis-socjeta’ attrici u liema ammont mitlub ma giex imhallas skond ma jirrizulta

mill-anness prospett li jinsab immarkat bhala Dok. 'A', u dana hekk kif jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza odjerna.

Bl-ispejjez komprixi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet applikabbli skond il-ligi bir-rata ta' mil-anqas tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-valur ta' kull fattura indikata fil-fuq imsemmija prospett (Dok A) mid-dati ta' kull tali fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-applikazzjoni tad-disposti tal-artikolu 26A et seq tal-Kap 13 tal-ligijiet ta' Malta, kontra s-socjeta' konvenuta li hija, hekk kif rapprezentata, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat nota li permezz taghha ammettiet it-talba fl-intier taghha.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef mija u tlieta u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€3,123.36) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**